SANTA LUĊIJA

**MINUTI – IS-SITT KUNSILL**

**LAQGĦA NUMRU 35-2014**

Illum it-Tlieta, 9 ta' Diċembru 2014

Il-Kunsill iltaqgħa fl-Uffiċċju Amministrattiv, 5/6 Binja tal-Faqqani, Trejqet il-Ġirasol, Santa Luċija fil-5.00pm.

**PREŻENTI**

Is-Sindku Frederick Cutajar, il-Viċi Sindku Terrence Ellul u l-Kunsilliera: Joe Bonello, Caroline Galea u Victor Camilleri. L-Ambaxxatriċi għaż-Żgħażagħ, Claire Mamo kienet preżenti għal din il-laqgħa.

**ASSENTI**

Ħadd

**TALBA**

Is-Sindku qal it-talba.

**1. MINUTI**

Il-Minuti tal-Laqgħa numru 34-14 li saret nhar it-Tnejn 17 ta' Novembru 2014 ġew moqrija u approvati.

## 1.1 *Mill-Minuti*

### *1.1.1 BOV ATM*

Is-Sindku rrefera għall-minuta 1.1.3 tal-laqgħa preċedenti u nforma l-Kunsill li t-*target date* li fiha ser titlesta l-*ATM* tal-*BOV* u terġa tibda tagħti servizz lil pubbliku kienet dik tas-16 ta' Diċembru 2014.

### *1.1.2 Bollards fil-Bicycle Track*

Il-Kunsillier Joe Bonello irrefera għal *bollards* li ġew installati fil-*bicycle track* fi Triq Begonja u qal li dawn ġew tajbin ħafna iżda xorta kien hemm karozza pparkjata fl-entratura tal-*ground*.

### *1.1.3 Kiri ta' Tea Room fi Ġnien is-Serenita'*

Il-Kunsilliera Caroline Galea staqsiet jekk kienetx ħarġet is-sejħa pubblika għal kiri ta' *Tea Room*. Is-Sindku qal li l-avviżi ta' din is-sejħa ser jidhru fil-ġranet li ġejjin.

### *1.1.4 Ħruġ fuq Xintill Roundabout*

Il-Kunsilliera Galea staqsiet kienx hemm xi *feedback* dwar il-problema tal-ħruġ minn Santa Luċija għal fuq *Xintill Roundabout* u staqsiet jekk il-*local wardens* hux qed jagħtu ċitazzjonijiet. Il-Viċi Sindku staqsa jekk sarux xi arranġamenti biex issir laqgħa ma' *Transport Malta* dwar din il-problema. Is-Sindku qal li din il-laqgħa issir fil-bidu tas-sena l-ġdida.

# 2 KORRISPONDENZA

## 2.1 *Listi*

Lista tal-korrispondenza riċevuta u lista oħra tal-korrispondenza mibgħuta mill-Kunsill bejn is-17 ta' Novembru 2014 u id-9 ta' Diċembru 2014 ġew ippreżentati fil-laqgħa.

Kopja taż-żewġ listi ntbagħtu lil Kunsilliera kollha.

## 2.2 *Korrispondenza miġjuba għall-attenzjoni tal-Kunsill*

### 2.2.1 *Ittri mibgħuta mill-Kunsill:*

- 1256-14-O – *Heritage Superintendence* – Ipoġew f'Santa Luċija
- 1236-14-O – Trasport Malta – Toroq li riedu jsiru

**2.2.2** ***Ittri li rċieva l-Kunsill:***

- 1271-14-I – Trasport Malta – Toroq li qatt ma ngħataw wiċċ
- 1192-14-I – Dr Mark Sant, President, AKL – Tisjir mill-Qalb b'risq il-*Malta Community Chest Fund*

**2.3** ***Rapporti u Dokumenti oħra ppreżentati lil Kunsill:***

- **SLLC Memo 13-2014 - Siġra tal-Milied għal festi mmirati lejn il-Kommunita**
- **SLLC Memo 14-2014 – Urġenti: Xogħol fi Triq il-Ġnien**
- **SLLC Memo 15-2014 - Manutenzjoni ta' dawl fuq iz-Zuntier tal-Knisja Attivita' b'risq il-*Community Chest Fund***

## 3. KOMUNIKAZZJONIJIET

### *3.1 Extra Works fi Triq il-Ġnien*

Is-Sindku rrefera għal SLLC Memo 14-2014 dwar *extra works* li hemm bżonn isiru fi Triq il-Ġnien marbuta max-xogħol ta' *resurfacing* li qed isir taħt l-iskema tal-PPP. Is-Sindku qal li x-xogħol involut jirrigwarda il-*gutter* li nstab taħt il-wiċċ tat-triq u li issa ġie *reinstated* u qed jiffunzjona. Is-Sindku qal li l-ammont totali tal-*variations* jammonta għal madwar €23,000.00.

Is-Sindku ppreżenta ritratti ta' vandaliżmu li sar minn xi żgħażagħ fi Triq il-Ġnien**.** Huwa qal li dawn iffurmaw isimhom fuq il-konkos meta dan kien għadu frisk. Huwa spega li dan il-konkos kien għadu kif ingħata bħala wiċċ għal *gutter* tal-ilma. Il-Kunsill wera d-disappunt tiegħu għal dan l-aġir irresponsabbli.

### *3.3 Rapport Finanzjarju minn Jannar 2014 sa Settembru 2014*

Is-Segretarju Eżekuttiv irreferit għal *Quarterly Report* li tressaq quddiem il-Kunsill fil-laqgħa preċedenti u ppreżentat *break down* ta' l-ispiża totali marbuta ma' *Council Hospitality*. Is-Sindku qal li s-sena 2014 kienet sena partikulari fejn il-Kunsill kellu spejjeż marbuta ma' l-ospitalita' lejn il-ħaddiema Ċiniżi li ħadmu fuq il-proġett ta' rinovazzjoni ta' Ġnien is-Serenita' fejn saru wkoll diversi ċerimonji kommemorattivi li tellu xi ftit din l-ispiża. Is-Segretarju Eżekuttiv ippreżentat wkoll xi korrezjoni fil-*Capital Commitments*.

### *3.4 Ktieb Tisjir mill-Qalb b'risq il-Community Chest Fund*

Is-Sindku nforma li l-Kunsill irnexxielhu jġib il-kotba hawn fuq imsemmija biex jinbiegħu mill-Uffiċini tal-Kunsill.

### *3.5 Propost ta' Ġemellaġġ mill-Comune di Lubriano fil-Provincia ta' Viterbo*

Is-Sindku rrefera għall-proposta ta' Ġemellaġġ li saret mill-*Comune di Lubriano* fil-*Provincia di Viterbo* fl-Italja. Is-Sindku ppropona li l-Kunsill jilqa din il-proposta anki peress li għaddew diversi snin mill-aħħar darba li l-Kunsill daħal f'Ġemellaġġ. Huwa qal li l-ħsieb hu li naraw kif nistgħu naħdmu flimkien fuq proġetti li jsiru mill-fondi ta' l-Unjoni Ewropea għal ġid tal-kommunitajiet taż-żewġ lokalitajiet u r-residenti tagħhom. Il-Kunsill qabel ma' din il-proposta u s-segretarju Eżekuttiv intalab jibda l-proċess biex jinġiebu l-permessi meħtieġa biex jiġi fis-seħħ dan il-ġemellaġġ.

## 4. PERFORMANCE BONUS GĦALL-IMPJEGATI TAL-KUNSILL

Il-Kunsill approva l-*performance bonus* tal-ħaddiema tal-Kunsill kif ġej:

| | |
|---|---|
| Caroline Silvio – Segretarju Eżekuttiv | 10% |
| Louise Gatt – Uffiċċjal Eżekuttiv | 6% |
| Marilyn Ellul – Skrivana | 6% |

## 5. AFFARIJIET FINANZJARJI

### 5.1 *Ħlas ta' pagamenti*

Approvazzjoni għall-ħlas ta' kontijiet permezz ta' ċekkijiet minn numru BOV 5340 sa numru BOV 5367 kif illistjati fl-iskeda tal-pagamenti għal-perjodu bejn il-11 ta' Novembru 2014 u t-28 ta' Novembru 2014.

Lista ta' *Schedule of Payments* intbagħtet lil Kunsillieri kollha flimkien mal-Minuti numru 34-14(17-11-2014)

### 5.2 *Approvazzjoni għall-Ħlas tas-Salarji*

Salarji għax-xahar ta' Novembru 2014 Ammont *Gross* €6035.09

### 5.3 *Approvazzjoni għall-Ħlas ta' Kontijiet dwar Xogħolijiet bil-Kuntratt:*

| Kuntrattur | Kuntratt | Kont | Ewro |
|---|---|---|---|
| Salvu Mifsud | PCA (57-11-06) | Serv.- Ott. 2014 | 625.41 |
| Salvu Mifsud | PCA(57-11-06) | Serv. Nov. 2014 | 625.41 |
| Owen Borg | SS(57-12/01) | Serv. – Nov.14 | 1024.25 |
| J & S Zammit | RC(57-14-01) | Serv. – Nov.14 | 1898.78 |
| ELC Ltd. | PKG 57 | Serv.- Nov.14 | 2061.50 |
| Nexos Str.Lighting | SL(57-09-04) | 2010684 | 1381.35 |
| Ricky Caruana | RM/PF(57-12-02) | Various | 407.55 |
| Ricky Caruana | RM/PF(57-12-02) | 29/2014 | 1852.50 |

### *5.4 Approvazzjoni ta' kwotazzjoni*

Il-Kunsill approva kwotazzjoni ta' €335.00 fir-rigward ta' servizz provdut minn Tikka Banda biex idoqq fit-toroq ta' Santa Luċija bħala parti mill-attivitajiet marbuta ma' l-festi tal-Milied.

### *5.5 Kiri ta' Servizz ta' Emergenza*

Il-Kunsill approva l-ħlas li jammonta għal €111.83 għal servizz ta' emergenza li qed jinkera kull darba li l-ħaddiem taħt l-iskema CIES li jipprovdi servizz ta' *watchman* fi Ġnien is-Serenita' jkun bil-*leave* jew marid.

### *5.6 Manutenzjoni ta' Bankijiet*

Il-Kunsill approva kwotazzjoni mid-Dipartiment tal-MSD għal manutenzjoni ta' bankijiet fi Pjazza 7 ta' Lulju. Is-Sindku spjega li l-Kunsill iħallas biss għal materjal li jinkludi l-injam li hemm nieqes il-vernic etc. Il-Kwotazzjoni għal manutenzjoni ta' erbgħin bank tammonta għas-somma ta' €2322.24 jiġifieri *average* ta' €58.06 'il wieħed. Il-Kunsill qabel li din il-kwotazzjoni hija ferm orħos minn kwotazzjonijiet oħra li għandu l-Kunsill u qabel li dan ix-xogħol isir fis-sena 2015.

## 6 AWGURI TAL-MILIED

Is-Sindku talab lil membri kollha tal-Kunsill biex jesprimu l-awgurju tagħhom għal festi tal-Milied u l-Ewwel tas-Sena.

Il-Kunsilliera Caroline Galea irringrazzjat lil Kunsill tal-koperazzjoni sew għal din is-sena kif ukoll għal din il-legislatura. Hija qalet li l-Kunsill ħadem tajjeb flimkien u awgurat li jibqa għaddej b'din l-ideoloġija.

L-Ambaxxatrici taż-Żgħażagħ irringrazzjat lil Kunsill ta' l-opportunita' u l-esperjenza. Hija awgurat li jkun hawn aktar żgħażagħ li jimpenjaw ruħhom f'ħidma biex jieħdu ħsieb il-lokalita' tagħhom.

Il-Kunsillier Victor Camilleri irringrazja lil Kunsill u l-istaff u ta l-awguri tiegħu lil kullħadd.

Il-Kunsillier Joe Bonello semma problema li tinkwetaħ ħafna, dik tal-ħruġ ta' l-iskart fil-ħin u qal li din qed toħloq problema fil-lokalita'. Huwa rringrazzja lis-Segretarju Eżekuttiv u l-istaff tagħha u awgura xewqat sbieħ lil kulħadd.

Il-Viċi Sindku Terrence Ellul irringrazzja lil Kunsill u lil familja tiegħu tas-sapport li jagħtuh u awgura l-festi t-tajba lil kulħadd.

Finalment is-Sindku s-Sur Frederick Cutajar irringrazzja l-Kunsill tal-koperazzjoni li juri biex hu jkun jistgħa jmexxi. Huwa qal li din ma kienetx sena faċli u l-Kunsill kellu jiffaċċja ħafna problemi sa kemm tlesta l-Proġett ta' Rinovazzjoni ta' Ġnien is-Serenita'. Huwa awgura li l-quddiem meta jinħareġ it-*tender* ta' dan il-ġnien, dan jitmexxa b'aktar professjonalita'. Huwa qal li kif qalet is-Sinjura Galea dan il-Milied huwa l-aħħar wieħed ta' dan il-Kunsill u għaldaqstant xtaq jirringrazzja lis-Segretarju Eżekuttiv u l-istaff tagħha, l-voluntiera u l-ħaddiema *attached* ma' l-Kunsill u awgura l-festi t-tajba lil membri tal-Kunsill u l-familji tagħhom.

## 7 TMIEM/AĠĠORNAMENT

Il-Laqgħa ntemmet fis-6.00 p.m.

Il-Kunsill jerġa’ jiltaqa' nhar il-Ġimgħa, 16 ta’ Jannar 2015 fil-5.00p.m

**Caroline Silvio**
**Segretarju Eżekuttiv**

**Approvati llum** **<u>...................,...... ta' ...................… 2015</u>**

**Frederick Cutajar**
**Sindku**